# Il-Presepju

Ħarġa Nru. 91
Jannar 2017



Fuljett maħruġ mill-
GĦAQDA ĦBIEB TAL-PRESEPJU - MALTA
c/o 56, Amaltea, Triq il-Marg, Attard ATD 2382 - Malta

Newspaper Post

Fuljett
maħrug kull tliet xhur mill-
Għaqda Ħbieb tal-Presepju
Malta.

VO/0844

*Kull korrispondenza għandha tiġi ndirizzata lis-Segretarju,*
*Charles A. Bellia*
*56, Amaltea, Triq il-Marġ,*
*Attard ATD2382. Malta*

*IL-PRESEPJU*
*Jitqassam lill-Membri tal-Għaqda u għalhekk biex tirċevih ħallas il-miżata tiegħek regolarment billi tibgħat €5 lill-Kaxxier. Kontribuzzjonijiet oħra biex jinfdew l-ispejjeż ikunu ferm apprezzati.*

*L-GĦAQDA ĦBIEB TAL-PRESEPJU Malta tirringrazzja lil kull min kiteb f'din il-ħarġa tal-fuljett.*

Apprezzament speċjali jmur għas-Sinjura Jessie Chircop li ħadet ħsieb il-'proof reading'.

# Werrej


Editorjal ........................................................................3
Il-Kelma tal-President ........................................................................4
Il-Presepju tal-Vatikan - 2016 ........................................................................5
Sena oħra li għalqet b'suċċess ........................................................................7
Rokna għat-Tfal ........................................................................10
Minhawn u minhemm ........................................................................11
Int u s-simboli tal-Milied ........................................................................12
Erġajt ftakart ........................................................................13
Avviż  Importanti ........................................................................15





**Stampat**
BONNICI'S PRESS Est. 1924
36, St. Paul Street, Valletta
Tel: 21224607 - 21228138
E-mail: emibonnici@gmail.com

# L-Editorjal

L-istorja li qed tiżvolġi fil-preżent donna li hija waħda inċerta għall-aħħar. Inbidlu ħafna kapijiet ta' stati ta' madwarna u bħal kieku, n-nies xebgħu mill-istil tat-tmexxija tagħhom. Donna l-istorja ser terġa' tlaqqagħna ma' nies imprevedibbli. Ħu mill-Amerika. Tela' Trump b'ħafna kliem u wegħdiet li kienu jidhru tad-daħk. Jibni ħitan biex jifred stat minn ieħor, jeqred dak it-tajjeb li bena ta' qablu. U n-nies.... iridu lilu!! Donnhom għandhom xi vendetta li trid tpattiha lil ħaddieħor. Il-gwerer ma waqfux, anzi żdiedu. L-id tal- ħbiberija donna sabitha komda għas-sħana tal-but u sidha ma jridx jixrifha 'l barra allavolja qed jara 'l ħaddieħor muġugħ, imterter bil-bard, m'għandux x'jiekol. Le, l-aqwa li jien pattejtha u ssodisfajt l-emozzjonijiet negattivi tiegħi. Il-bniedem hekk hu magħmul. Pero' jien xorta nemmen li dan il-perjodu ikrah huwa mfassal minn fuq biex nidħlu f'qoxritna u nirriflettu kemm konna aħjar meta konna agħar... jekk konna agħar!!!!
Dan kollu jikkuntrasta bil-kbir ma' dak li ġara elfejn sena ilu. Tarbija Divina titwieled ġo għar f'kesħa liema bħala (bħal ma qed nesperjenzaw dawn iż-żminijiet), mdawwar b'ommu u missieru, gendus u ħmara u wara ftit bir- rgħajja u l-merħliet tagħhom. Ingħata qima' u għarfien li kien il-bniedem li ser isalva l-bnedmin. In-nifs ta' dawk ta' madwaru bl-annimali kollha saħħnu l-għar li kien għeri, umdu, nieqes mill-kumditajiet bażiċi, iżda mimli bl-imħabba ta' dawk preżenti. Kif daru miegħu laqgħulu l-bard u l'id li kienet iżżomm l-għasluġ issaħħnet hekk kif offrewlu l-ftit rigali li ġabu magħhom.
X'differenza minn din il-ġrajja għal ħajja tallum. Meta ser jitgħallem il-bniedem li l-ħniena u l-imħabba hija l-qofol ta' ħajja aħjar. Waħdi ma jien xejn, flimkien aħna blata. Ħbieb tal-Għaqda tal-Presepju, ejja nkunu bħar-rgħajja ta' Betlem u ninsew xogħlna u mmorru nagħtu l-għajnuna lil min jinsab batut, imnikket, iddisprat....għax hemm insibu l-PAĊI u SLIEM f'qalbna.
Minn qalbi nixtieq inwassal is-sena t-tajba lill-qarrejja ta' dan il-fuljett, lill-kumitat, lill- membri u 'l dawk kollha li b'xi mod kellhom xi darba x'jaqsmu mal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju-Malta.

L-Editur

Frans Chircop

# *Il-Kelma tal-President*



Ħbieb,

Erġajna bdejna sena ġdida u nieħu l-okkażjoni biex nawgura sena mimlija risq u saħħa lilkom u lill-familji tagħkom kollha.
Is-sena li għadna kif ħallejna kienet sena mpenjativa u nteresanti għall-Għaqda tagħna. Kienet is-sena li fiha ċċellebrajna t-Tletin anniversarju mit-twaqqif tal-Għaqda. Bdejniha bħas-soltu, sett ta' lectures li offrew ħafna informazzjoni dwar l-istorja u s-sinjifikat tal-presepju, u, immedjatament wara beda l-kors b'numru sabiħ ta' parteċipanti jitgħallmu kif jinbena l-presepju bil-jablo jew bil-karta pesta. Meta spiċċa l-kors tellajna TABLE Show li serviet biex il-membri jiltaqgħu u jiddiskutu diversi aspetti tal-presepju. Nistgħu ngħidu li serviet bħala laqgħa soċjali fl-istess ħin.

Għall-wirja li għaddiet ħsibna biex nibdlu xi ftit id-dehra tal-ewwel kamra. Xejn partikolari, xtaqna li d-daħla tal-wirja tkun aktar akkoljenti. Naqqasna vetrina u poġġejna l-Bambin imdawwar bil-ġulbiena quddiem id-daħla prinċipali. Xi ftit purtieri u riproduzzjonijiet ta' pitturi sagri komplew isebbħu d-dħul tal-wirja.

Biss ma konniex kuntenti għall-kollox! Jiddispjaċini ngħid li x-xogħol kollhu sar mill- membri tal-Kunsill flimkien ma' xi membru jew tnejn. Qed inħarsu 'l quddiem lejn sentejn ta' xogħol li jrid iwassal biex isaħħaħ l-Għaqda tagħna. Għalhekk minn issa nixtieq nappella biex iktar membri jersqu 'l quddiem u jagħtu daqqa t'id. Iktar ma nkunu, iktar isir xogħol bla ma jbati ħadd.
Probabilment li dan il-fuljett jasal qabel il-Laqgħa Ġenerali. Nistennew il-preżenza tagħkom biex tagħtu kontribut ħalli l-Għaqda tagħna tibqa' miexja 'l quddiem bis-sehem tagħkom ukoll.
Narakom hemm!

Inselli ghalikom.

Andrew Spiteri

# *Il-Presepju tal-Vatikan - 2016*

Naħseb li ftit huma dawk li ma jafux li matul il-festi tal-Milied li għadda, fil-pjazza ta' San Pietru, Ruma, kien hemm presepju li ġie preżentat lill-Governorat tal-Vatikan mill- poplu Malti. Mill-banda l-oħra ftit jafu li L-Għaqda Ħbieb tal-Presepju - Malta wkoll tat sehmha f'dan il-proġett, għalkemm ma tantx is-semmiet. Meta lejn tmiem l-2015 kien hemm qbil li l-presepju fi Pjazza San Pietru fl-2016 jingħata minn Malta, delegazzjoni magħmulha mill-President u s-Segretarju tal-Għaqda tagħna iltaqgħet ma' Uffiċċjali mill-Ministeru tal-Kultura flimkien ma' rappreżentant tal-Kurja f'Malta u ddiskutew kif dan il-proġett għandu jinħadem u x'kellhom ikunu dawk l-elementi li jiddefinixxu dan il-presepju bħala wieħed Malti. Mhux biss, imma membru tal-Għaqda tpoġġa fuq il-Kumitat li, flimkien ma' Heritage Malta, kellu jipprepara d-dokument tat-tender biex artisti Maltin setgħu jitfgħu l-offerti tagħhom għal dan il-proġett. Parti mix-xogħol kien jirrikjedi li ssir stima preliminari tal-proġett; il-membru tagħna ngħata dan l-inkarigu. L-aħħar biċċa xogħol tal-Kumitat kienet li jagħżel, fost l-offerti mitfugħa, l-aħjar disinn għal dan il-proġett.

L-artist Għawdxi Manuel Grech rebaħ it-tender u wara li ltaqa' mal-Kumitat organizzattiv medd għonqu għax-xogħol. Tmien xhur wara żewġ containers ta' tlettax – il metru 'l wieħed telqu lejn Ruma bil-presepju, li kien jinkludi xejn



inqas minn 17 -il statwa ta' qies naturali (lifesize). F'inqas minn ġimgħa wara li wasal fil-Pjazza tal-Vatikan, il-presepju, li ntrama minn Manuel Grech innifsu u t-team tiegħu ta' tmienja min-nies, kien lest biex ikun inawgurat u gawdut mill-eluf ta' turisti li żaru l-Vatikan fil-festi tal-Milied.

Dan il-proġett ħaqqu l-apprezzament ta' kull min għandu għal qalbu l-kultura tal-presepju Malti mhux biss għal fatt li kienet l-ewwel darba li l-presepju tal-Vatikan wasal minn pajjiż barra l-Italja, imma għall-fatt li dan il-pajjiż kellu jkun Malta. Ħaqqu l-apprezzament ukoll għal mod kif inħadem u ntrama fi żminijiet relattivament qosra u b'sengħa li għamlet unur lill-artist u sħabu u fuq kollox kompliet issaħħaħ it-tradizzjoni Maltija tal-Presepju.

Minn dawn il-paġni ngħidu prosit lil kull min ta sehmu f'dan il-proġett u fuq kollox lill-idejn li ħadmuh b'tant għaqal u mħabba. Prosit Manuel.

## *Kun parti mill-fuljett...*



Ikkontribwixxi billi tibgħat xi kitbiet, novelli qosra, poeżiji, eċċ biex jiġu ppubblikati fuq "il-Presepju". Għandek xi idejat kif tagħmel aċċessorji? Trid tikkummenta dwar l-Għaqda? Tiddejjaqx, iktbilna. Sa fejn ikun possibbli nilqgħu is-suġġeriment tiegħek.

Nota żgħira....kitbiet li jistgħu joħolqu polemiki ma jkunux pubblikati.





# *Sena oħra li għalqet b'suċċess*

Minn Charles Bellia

Ftit tal-ġimgħat ilu għalaqna s-sena 2016. Bħas-soltu fil-bidu ta' Jannar, iltqajna flimkien u wara quddiesa fil-knisja kunventwali ta' San Franġisk, fi Triq ir-Repubblika l-Belt Valletta, inżilna fis-Sala li sa ftit ġranet qabel kienet okkupata mill-wirja annwali, u hemmhekk, wara li kilna u xrobna xi ħaġa żgħira, qassamna wkoll ċertifikati u tokens lil dawk li taw sehmhom fil-Wirja 2016. Attivita sempliċi imma sinjifikanti li bdiet b'ringrazzjament lil Bambin Ġesu' li għal sena oħra kien magħna fil-mixja tagħna biex infakkru t-Twelid Tiegħu.

Temmejna sena li matulha wkoll iċċelebrajna t-tletin sena mit-twelid tal-Għaqda tagħna. Tletin sena li matulhom, l-Għaqda Ħbieb tal-Presepju - Malta offriet lill-viżitaturi, Maltin u barranin aktar minn elfejn u ħames mitt presepju maħdumin mill-membri tal-istess Għaqda. Fost dawn kien hemm presepji kbar u sbieħ, oħrajn ftit iżgħar u sempliċi u kellna wkoll xogħlijiet li setgħu ingħataw ftit iktar attenzjoni waqt il-bini. Ma' dawn il-presepji Maltin ġie li kellna wkoll presepji li ġew iżuruna minn pajjiżi barranin; presepji bi stili differenti minn dak li nafu f'pajjiżna, imma li flimkien mal-presepji tagħna għinu biex l-Għaqda tagħna twassal dejjem l-istess messaġġ: dak li Milied mingħajr il-presepju huwa biss festa kummerċjali.

Iċ-ċelerazzjonijiet tal-Anniversarju ma kinux xi ħaġa partikolari...erba' attivitajiet li swew biex inkomplu nsaħħu l-preżenza tal-Għaqda tagħna fil- gżejjer Maltin. Nhar is-7 ta' Ottubru, 2016, jum għeluq snin l-Għaqda, morna nieklu flimkien, f'atmosfera sabiħa u pjaċevoli. Ftit ġranet wara, l-membri tagħna kellhom iċ-ċans jiltaqgħu, u flimkien ma' diriġenti u veterani tal-Għaqda jiddiskutu u jistaqsu dwar xi diffikultajiet li jiltaqgħu magħhom waqt il-bini tal-presepju. Popolari ħafna kienet ir-rokna fejn kellna l-LEDs jixgħelu. Issbuħija ta' dan id-dawl ġibed ruxxmata kummenti u mistoqsijiet dwar kif jitwaħħal, biex jinxtegħel u naturalment minn fejn jinxtara u



l-prezz. Ħadd ma ħa qatgħa dwar dan tal-aħħar għax il-prezz huwa wieħed raġonevoli ħafna.



Novembru wkoll kellu sehem mill-festi! Dan ix-xahar laqqagħna ma' għadd ġmielu ta' nies, mhux membri tagħna biss, li attendew is-seminar dwar il-presepju li sar fir-Razzett tal-Markiż Mallia Tabone, fil-Mosta. Dan is-seminar, li sar bil-kooperazzjoni sħiħa tal-Għaqda Talent Mosti, beda b'wirja żgħira dwar il-bini tal-presepju minn membri tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju - Malta. Wara s-Sur Alex Powell, ex-segretarju tal-istess Għaqda, tkellem dwar l-istorja jew l-evolviment tal-presepju qabel ma San Franġisk ħoloq l-ewwel presepju ħaj bi stil sempliċi u dekoruż.



Rev. Edgar Vella, magħruf għall-presepju Naplitan li jarma fil-Katidral tal-Imdina, tkellem fit-tieni parti tas-seminar dwar is-sinjifikat tal-pasturi Naplitani u r-rwol tagħhom fil-presepju. Fi tmiem is-seminar kulħadd ħa tazza nbid waqt li tkompliet id-diskussjoni informali dwar iż-żewġ taħdidiet. It-temp xott, u l-ambjent tar-Razzett tal-Markiż, għinu biex dan is-seminar ikun suċċess. Din l-okkażjoni għinet ukoll biex stajna naraw ir-rispons tal-pubbliku għall- inizjattivi simili. Kienet prova oħra li l-presepju mhux logħob tat-tfal, kif jaħsbu xi wħud, imma huwa fonti ta' kultura u arti.

Għadda s-seminar u fi ftit ġimgħat sibna ruħna fis-Sala San Franġisk, il-Belt qed ninawguraw l-attivita prinċipali tagħna - il-Wirja Annwali ta' Presepji maħdumin mill-membri tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju - Malta. Għal din l-okkażjoni, l-Għaqda ppreżentat presepju lil Fr Martin Micallef, direttur tad-Dar tal-Providenza, biex ikun irkantat waqt il-maratona b'risq l-istess Dar. Dan il-presepju inħadem apposta minn Charles Bellia bi statwi tat-terracotta maħdumin mill-artist Malti Jesmond Micallef.

Ġimgħa wara li ftaħna l-wirja poġġejna ċ-ċirasa fuq il-kejk! Għalaqna l-attivitajiet marbuta mal-Anniversarju kif kien jixraq - b'kunċert vokali mill-kor Joy Gospel Singers fil-knisja ta' San Franġisk, il-Belt. U hawn irrid ngħid grazzi



lill-Gwardjan Fr Colin u l- Komunita Franġiskana Konventwali li laqgħuna fil-knisja għal dan il-kunċert. Is-sehem tal-kor kien wieħed eċċellenti. Il-pubbliku li mela l-knisja minkejja l-maltemp, ipparteċipa u f'diversi okkażjonijiet ingħaqad mal-kor bil-kant u ċ-ċapċip. Ħriġna sodisfatti mhux biss għax il-kant kien sabiħ u l-pubbliku ħa gost, imma wkoll għaliex meta spiċċa l-kunċert dawk preżenti daħħlu jdejhom fil-but u taw donazzjonijiet li laħqu l-€450 li flimkien ma' 575 miġbura mill-irkant tal-presepju li semmejna aktar 'il fuq, ingħataw lid-Dar tal-Providenza.

Hekk iċċelebrajnieh it-Tletin Anniversarju tal-Għaqda tagħna. Ftit attivitajiet li ħallew il-frott mixtieq. Lil dawk li ġew jew taw sehmhom ngħidulhom grazzi mill-qalb...lil min għal raġuni jew oħra ma setax ikun preżenti, ninkoraġġuh biex fil-futur ikun parti mill-Għaqda Ħbieb tal-Presepju - Malta fil-mixja tagħha lejn Milied madwar il-presepju!
Għandek eMail?Jekk trid infakkruk fl-attivitajiet li jkollna minn żmien għal żmien ibgħatilna l-indirizz tal-eMail tiegħek. Tagħna huwa: charbel@onvol.net

## Għandek eMail?

**Jekk trid infakkruk fl-attivitajiet li jkollna minn żmien għal żmien ibgħatilna l-indirizz tal-eMail tiegħek. Tagħna huwa: charbel@onvol.net**

## *Il-Miżata*

Il-Kunsill Amminsitrattiv jixtieq jirringrazzja lil dawk il-Membri li waqt żjara li għamlu fis-Sala San Franġisk biex jaraw il--Presepji esibiti minn membri sħabhom, ħadu l-okkażjoni u ħallsu l-miżata tagħhom għas-sena 2017. Kien hemm numru sabiħ minn dawn il-membri, iżda għad fadal ħafna oħrajn li ma kellhomx iċ-ċans jagħmlu l-istess. Lil dawn nistiednuhom jibagħtu l-miżata tagħhom bil-posta biex b'hekk jingħaqdu ma' sħabhom u jagħtu sehmhom fl-għajnuna lil Għaqda. Grazzi.

# *Rokna għat-tfal*

**Tiżjin fil-Knejjes**

Il-knejjes illum ikunu mżejna bid-damask għall-festa tal-Milied. Qabel, il-knejjes kienu mżejna bil-palmi u l-friegħi tas-siġar. Id-dawl kien jiġi mil-lanterni u l-lampieri kif ukoll mix-xemgħat li kien ikun hemm fuq l-artali. Dan l-aħħar f'xi knejjes qed narmaw tiżjin b'tabelli fuq il-Bibbja u friegħi tal-palm. Forsi d-drawwa antika qed terġa tieħu r-ruħ. L-aktar ħaġa importanti fil-knisja hi l-figura tal-Bambin. F'kull knisja jkun hemm armat presepju kbir jew presepji żgħar imxerrda man-navi.

**Il-Gawgaw**

Il-Maltin insew li għandhom il-Gawgaw u minfloku poġġew il-figura Ingliża ta' "Father Christmas". Il-Gawgaw kien raġel twil u ikreh, jittawwal mit-twieqi. In-nies kienet tgħid li jekk ikollu l-mustaċċi puliti, ix-xitwa kienet tkun spiċċat. Jekk le, il-kesħa tax-xitwa u l-bard kienu għadhom ġejjin. Tifsira oħra skond s-Sur Charles Coleiro tgħid hekk:- L-ispirtu reliġjuż ta' missirijietna kellu għeruq qawwija iżda lejlet il-Milied spirti oħra kienu jimirħu fl-imħuħ ta' niesna. Kienu jemmnu li min jitwieled f'nofs il-lejl, sbieħ il-Milied, kien jagħtih bħal "ħmar il-lejl" u joħroġ barra u jsir GAWGAW, li meta jikber isir mostru. Għalhekk il-ġenituri kienu jehdew lil dawn it-tfal f'dik il-lejla billi jġegħluhom jaljenaw ruħhom u joqgħodu jgħoddu t-toqob ta' għarbiel, bil-paċenzja kollha.

**L-Ispirtu Santu**

Imdendla mas-saqaf tal-grotta kien ikun hemm ħamiema kbira tax-xema' li tfisser il-ħidma tal-Ispirtu Santu fil-misteru tal-Inkarnazzjoni. Sa ħamsin jew sittin sena ilu wieħed kien jara fil-presepju Malti s-serduk ukoll jekk ikun xi ftit kbir; dak kien iħabbar jum ġdid bħalma bit-twelid ta' ġesu beda żmien ġdid għad-dinja. Kien hemm ukoll in-nagħġa l-mitlufa li kont taraha f'xi rokna jew toqba tal-presepju; ġesu ġie fid-dinja biex ifittex in-nagħġa l-mitlufa jew il-midneb. Kont tara ukoll ix-xbiha tal-Missier Etern Alla tax-xema' jew tat-tafal, li forsi ddaħħlet fil-presepju Malti minn dak Sqalli. Hekk wieħed kien jara t-Trinita' fil-presepju Malti. L-anġli kienu dawk tal-karti li jitwaħħlu max-xifer ta' barra tal-grotta u rari kont tara xi wieħed tat-tafal.

# *Minhawn u minhemm*

Kitba ta' Guido Lafranco

**Bambin tan-Novena**

Sa minn żmien il-Kavallieri f'Malta, l-knejjes kien ikollhom, u ħafna għad għandhom, Bambin imdaqqas li jarmaw bih u jużawh fi żmien in-novena tal-Milied. Meta dan ma jkunx qed jintuża, jerfgħuh ġo urna jew niċċa apposta li tifforma parti mill-altar jew f'niċċa separata armata għaliha fuq l-istess altar. Minn dawn il-bambini hawn ħafna sbieħ tax-xema', tal-kina, tal-injam jew tal-kartapesta maħdumin minn artisti magħrufa.

**Il-Ġilbiena**

Ħafna meta jasal il-25 ta' Novembru jew it-8 ta' Diċembru tarhom jiżirgħu l-ġilbiena. Ma' min titkellem minflok ġilbiena jgħidulek ġurbiena. Pero' ta-jjeb li nżommu f'moħħna li l-propja kellma hija ġilbiena. Din tfisser pjanta li tiddendel, tintelaq jew iġġelben. Sa' minn mijiet ta' snin, f'ħafna artijiet u reliġjonijiet, iż-żriegħ ta' qamħ, ġilbiena, jew oħrajn li jinbtu malajr, kien isir bħala tifsira u tifkira ta' qawmien mill-ġdid, għalhekk ukoll għadna nużawhom fil-Milied, biex jitfakkar it-twelid, u fis-sepulkru għal żmien l-Għid il-Kbir li jfakkar l-Irxoxt.

# www.presepjumalta.org

Dan hu l-indirizz tal-website tagħna!
Idħol fih biex taqra dwar l-istorja tal-Għaqda, l-presepju, kif taħdem il-presepju u xi aċċessorji.

Żur l-albums tar-ritratti u ġedded il-memorja tal-wirjiet annwali.





Għaddi l-indirizz lil ħbieb u qraba, speċjalment dawk imsefrin...ibqa żgur li japprezzaw.

# *Int u s-simboli tal-Milied*

Mir-rivista Reġina et Mater Diċembru 1996

Żmien il-Milied, bħal kull żmien ieħor tas-sena, iġorr miegħu diversi simboli. Dawn is-simboli huma tipiċi għall-Milied u għalhekk ħafna minnha jżejnu d-djar, ħwienet, toroq b'dawn is-simboli li jfakkruna fil-Milied. Dan l-artiklu mhux biss se jgħati ħarsa lejn oriġini ta' xi ftit minn dawn is-simboli, iżda jħares ukoll lejn dawn is-simboli minn lenti differenti.

## Il-Holly



Din il-pjanta ma nsibuhiex tikber hawn Malta, iżda kulħadd ra xi kejk jew log tal-Milied imżejjen biha. Hemm ħafna stejjer li jassoċċjawha mal-Milied iżda l-aktar waħda komuni hi li is-siġra tal-holly kienet miżrugħa qrib ħafna l-għar fejn twieled Ġesù. L-agħsafar kienu naqqru l-frott aħmar ta' din is-siġra iżda dak il-lejl li fih twieled Ġesù, din is-sġra rabbiet iż-żahar, fetħet il-fjuri u għamlet il-frott!

Il-weraq ta' din il-pjanta fihom ix-xewk, u l-frott żgħir li tagħmel huwa aħmar. Din il-pjanta nistgħu inqabbluha ma' persuna fejn ix-xewk huma d-difetti fil-karattru, iżda l-frott huwa sinjal ta' dak is-sabiħ kollu li hemm fiha. U int x'jolqtok l-aktar meta tħares lejn din il-pjanta...ix-xewk jew il-frott?

## Stilla



L-istilla tal-Milied tfakkarna fil-Miġja tas-slaten Maġi. Bid-dawl tagħha l-istilla mexxiet li dawn is-slaten sakemm sabu l-għar fejn twieled Ġesu'. Illum l-istilla saret titpoġġa kważi kullimkien: fuq is-siġra tal-Milied, fil-presepju, ħdejn il-maxtura u saħansitra fuq il-kejk tal-Milied. Din is-sena pprova kun stilla tal-Milied billi tressaq lil sħabek, tal familja lejn Ġesu'. Jekk jirnexxielek imqar tgħin persuna waħda tersaq pass ieħor lejn l-imħabba vera tkun veru stilla!

# *Erġajt ftakart*

Minn Jessie Chircop

Il-Milied għadda....l-kartolini merfugħin...tajthom lil min jirriċiklahom u jbiegħhom għall-missjoni. Il-presepju żarmat u l-pasturi f'posthom. Kollox ġol-kaxxi u ppakkjat, jistenna Milied ieħor biex jara d-dawl u t-tlellix li jaf iġib miegħu il-ferħ ta' dawn iż-żminijiet.

Imma tgħid tassew hekk? Ħallhieli xi marka fuqi l-Milied? Bħala Kattolika erġajt ġeddidt it-twemmin li Ġesù twieled għalija, ġie fid-dinja biex jien u l-bnedmin kollha tad-dinja nistgħu nissejħu Ulied Alla u Aħwa ta' Ġesù.
Jien għamilt ftit aktar minn tletin sena ngħallem lit-tfal żgħar. Trid tara għajnejhom jikbru u joqogħdu attenti meta tgħidilhom x'ġara f'dak il-jum qaddis!

Kont nibda' ngħidilhom kif kien hemm ftit rgħajja jieħdu ħsieb in-ngħaġ u l-ħrief tagħhom; meta f'daqqa waħda kien hemm dawl kbir, bħal meta tixgħel lampa kbira, u deher raġel twil liebes libsa bajda, bajda. Tant beżgħu li ħbew wiċċhom minnu għax id-dawl kien qawwi ħafna. Hawn kont nara t-tfal b'ħalqom miftuħ, qishom jistennew xi biċċa ħobż, għajnejhom iċċassati lejja biex ma jitilfux xi farka mill-istorja. Kemm kont niggusthom!!

U jien nkompli: Dan ir-raġel sabiħ jismu Anġlu. Dan qallhom biex ma jibżgħux għax kellu aħbar tajba; "Qumu u morru Betlem, għax hemm, ġo għar, ser issibu tarbija mimduda f'maxtura". Dawn qamu u obdew 'l Anġlu u veru tfal, hemm sabu tarbija ħelwa bla qies, kultant titbissmilhom u li f'qalbhom nisslitilhom tant ferħ, paċi u sliem. Ir-rgħajja ħassew li kellhom ituħ xi ħaġa...mqar żgħira u għalhekk min ħadlu xi ħarufa jew xi ftit suf biex bih jissaħħan.



Hawn kont noħroġ ftit tfal biex jirreċtaw dik ix-xena. Tant kienu jieħdu gost li anke jien kont xi kultant nħossni erġajt mort lura fiż-żmien u niftakar dawk il-mumenti li kont

jien stess tifla bħalhom. U wara din l-ispeċi ta' reċita kont inkompli bl-istorja.

Hawn kont niċċasahom. Tafu min huma s-Slaten Maġi? U swaba ta' kull tifel u tifla li kien ikolli fil-klassi kien jisparaw 'il fuq, kollha lesti bir-risposta. Jien nkompli bl-ispjegazzjoni.

Dawn, tfal, kienu slaten li ġew mill-bogħod il-bogħod ħafna ħafna. Kienu raw stilla kbira fis-sema u kienu jafu li twieled xi sultan li kellu jkun magħruf mad-dinja kollha. Iżda dawn ma kinux jafu fejn twieled dan is-sultan. Hekk kif raw l-istilla u din bdiet miexja quddiemhom, dawn is-Slaten Maġi bdew jimxu warajha. Xorta ma' kinux jafu fejn sejrin għalhekk marru staqsew lil Erodi li kien jaħkem fuq Betlem. Dan ma kien jaf xejn u qallhom biex kif isibuh im-orru jgħidulu biex imur ukoll jagħtih qima. Hawn it-tfal l-istorja kienu jafuha sew u ma kontx nista' xi kultant nikkontrollhom. Għalhekk kont staqsejthom x'kellhom is-Slaten Maġi f'idejhom biex jagħtu l-Bambin? Rigali...Rigali.

Kont nagħmel it-tfal ċirku u kont nistaqsihom li kieku kontu fejn il-Bambin fl-ewwel Milied, x'kontu titolbu l-Bambin li jġibilkhom?

U hawn kienet toħroġ l-innoċenza tat-tfal ta' ħames jew sitt snin.

Niftakar li meta kont ma niflaħx kien hemm min ried li Ġesù jfejjaq lit-teacher għax, "barra li tiġi tgħallimna trid tieħu ħsieb lill-familja tagħha". Oħra li kellha 'l ommha marida serjament riedet li Ġesu' jfejjaqhielha. Jien kont nisma' bis-sabar kollu, xi kultant taqbiżli xi demgħa, jew xi tbissima. Imma kont nara li f'qalb dawn iċ-ċkejknin diġa' hemm iż-żerriegħa tal-fidi u mħabba kbira lejn Ġesù L-innoċenza taż-żgħar sabiħa ħafna u lilna l-kbar tgħallimna wkoll. Għalihom kollox hu possibbli. J'Alla ċ-ċkejknin tagħna jibqgħu jħobbu 'l Ġesù u ma jibżgħux jistqarruh ma' kulħadd!

U la ġejna f'dan tafu xejn li daqs għaxar xhur u nofs oħra nerġgħu nkunu qed nippreparaw għall-Milied ta' din is-sena?

# *Avviż Importanti:*




## LEJN L-2018

Bħal ma diġa ħabbarna f'ħarġa oħra tal-fuljett tagħna, l-Għaqda qed tipprepara biex fl-2018 tagħmel Laqgħa/ Konvenju f'Malta għal Ħbieb tal-Presepju minn pajjiżi Ewropej. L-Għaqda ħasbet biex l-immaniġġar tad-delegati jsir minn Kumpanija tal-Ivjaġġar li għandha esperjenza f'dan ix-xogħol, u b'hekk noffru servizz professjonali lill-mistednin tagħna.

Madankollu hemm ħafna iżjed xogħol, kemm ta' preparazzjoni kif ukoll waqt il-ġranet tal-Konvenju, li jrid u jista' jsir minn membri tal-Għaqda tagħna. Għalhekk qed nagħmlu sejħa lil dawk il-membri li jixtiequ jkunu parti minn din l-organizzazjoni biex jibagħtu eMail jew iċemplu lis-Segretarju sabiex jiġu mistiedna għall-laqgħa li ser issir apposta għalihom fi żmien ftit ġimgħat oħra.

Kun kburi li ser tagħti sehmek f'dan l-evveniment hekk importanti! Nassigurawk li sehmek ikun apprezzat u rikonoxxut.
Minn issa ngħidulek: GRAZZI.

ENDORSED by

